Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7062/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0053 (NLE)

PECHE 85

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	6756/18 PECHE 66 + ADD 1 - COM(2018) 119 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd - Deċiżjoni li għall-adozzjoni tintuża l-proċedura bil-miktub

1. Fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd[1] (dok. 6756/18 PECHE 66 + ADD 1), inkluż l-aġġornamenti deskritti fid-dok. 6967/18 PECHE 79.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Marzu 2018 u kkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test fit-13 ta' Marzu 2018 permezz ta' proċedura ta' silenzju informali.

3. UK daħħal riżerva ta' skrutinju Parlamentari.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

4. Il-Kummissjoni ntrabtet li tikkoreġi xi żbalji fattwali potenzjali indikati mid-delegazzjonijiet, fejn ikun meħtieġ. Dawn il-punti ġew indirizzati fil-verżjoni kkonsolidata ffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 7078/18 PECHE 87.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:

   – jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-Grupp ta' Ħidma u li huwa stabbilit fid-dokument 7078/18 PECHE 87; u biex

   – jiddeċiedi dwar l-użu tal-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni formali tiegħu mill-Kunsill, minħabba l-urġenza li l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament issir f'waqtha fid-dawl tal-kondizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-kwoti għal xi stokkijiet.